# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

## Seduta tallum l-Erbgħa, erbgħa (4) ta' Ġunju, 2025

**Rikors Ġuramentat Nru.: 1217/2024**

**Numru: 14**

**HSBC Bank Malta P.l.c**
**Vs**
**Paul Galea**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ġie premess u mitlub kif ġej:

1. *"Illi in forza ta' kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Henri Darmanin tat-22 ta' Diċembru 2010 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok A), il-Bank attur ikkonċeda faċilita` bankarja ta' self lill-konvenut fl-ammont ta' ħamsin elf u erba' mitt Ewro (€50,400), u dan abbazi ta' Sanction Letter maħruġa fl-10 ta' Novembru 2010 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok B);*
2. *Illi l-konvenut ma baqax jagħmel dawk il-pagamenti in linea mal-obbligi assunti minnu u stipulati fl-imsemmija kuntratti u Sanction Letter relattiv ghall-istess u kawza t'hekk huwa tilef il-benefiċċju taż-żmien mogħti lilu permezz tal-istess kuntratt u Sanction Letter;*

3. *Illi għalkemm il-konvenut ġie interpellat biex iħallas d-debitu dovut permezz ta' ittra uffiċjali datata t-18 ta' Ġunju 2021 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok C), huwa baqa' inadempjenti u konsegwentement il-bilanċ intier sar dovut f'daqqa;*

4. *Illi fuq dan il-kont, il-konvenut huwa għalhekk debitur tal-Bank fis-somma ta' tlieta u ħamsin elf, mija u sebgħa u tmenin Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€53,187.77) rappreżentanti kapital, u ħamsa u għoxrin elf, disa' mija u erbgħa u sittin Ewro u sittin ċentezmu (€25,964.60) rappreżentanti imgħaxijiet ikkalkulati sas-17 ta' Ottubru 2024, kif rifless fl-istatement hawn anness bħala Dok. D, u dan oltre imgħax legali ulterjuri dovut mit-18 ta' Ottubru 2024 sad-data tal-pagament effettiv;*

*Għaldaqstant, il-Bank esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:*

*(i)* ***Tiddikjara*** *illi l-konvenut Paul Galea huwa debitur tal-Bank attur fis-somma ta' tlieta u ħamsin elf, mija u sebgħa u tmenin Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€53,187.77) rappreżentanti kapital, u ħamsa u għoxrin elf, disa' mija u erbgħa u sittin Ewro u sittin ċentezmu (€25,964.60)rappreżentanti imgħaxijiet ikkalkulati sas17 ta' Ottubru 2024 kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri fuq il-kapital mit-18 ta' Ottubru 2024 sad-data tal-pagament effettiv;*

*(ii)* ***Tikkundanna*** *lill-istess konvenut iħallas lill-Bank attur is-somma ta' tlieta u ħamsin elf, mija u sebgħa u tmenin Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€53,187.77) rappreżentanti kapital, u ħamsa u għoxrin elf, disa' mija u erbgħa u sittin Ewro u sittin ċentezmu (€25,964.60) rappreżentanti imgħaxijiet ikkalkulati sas-17 ta' Ottubru 2024 kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri fuq il-kapital mit-18 ta' Ottubru 2024 sad-data tal-pagament effettiv;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali surreferita bin-numru 2484/21 u tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat fl-istess ismijiet bin-numru 1711/24, kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt in subizzjoni."*

Rat l-ewwel digriet tagħha datat 13 ta' Novembru, 2024.[1]

[1] Folio 33

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Jannar, 2025 il-Qorti awtorizzat lill-bank attur li jgħaddi għan-notifika tal-konvenut bil-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni.[2]

Rat in-nota[3] fejn il-bank attur esebixxa wara l-affissjoni[4] nota li magħha hemm annessa l-pubblikazzjoni fil-gażżetta tal-Gvern, u dik f'żewġ ġurnali lokali, 28 ta' Marzu u 3 ta' April tas-sena kurrenti rispettivament.

Rat li nonostante tali notifika, sas-seduta tat-28 ta' Mejju, 2025 ma ġiet intavolata ebda risposta ġuramentata. Il-Qorti b'hekk għaddiet biex tiddikjara lill-konvenut fi stat ta' kontumaċja.[5]

Rat li fl-istess seduta l-bank attur ippreżenta affidavit ta' Mariella Caruana[6], impjegata tal-bank li xehdet dwar il-faċilita' ta' *loan* li l-bank attur ta lill-konvenut fis-somma ta' €50,400 għall-xiri ta' fond fil-Ħamrun, dan kif jirriżulta mill-kuntratt ippubblikat minn Nutar Henri Darmanin fit-22 ta' Diċembru, 2010.[7]

[2] Folio 38
[3] Folio 41
[4] Folio 40 tergo
[5] Folio 55
[6] Folio 56
[7] Folio 5 dok A.

Żiedet li għalkemm inizjalment l-klijent kien regolari fil-pagament imbagħad waqa' sew moruż, beda jagħmel pagamenti żgħar iżolati sakemm waqaf kompletament fi Frar, 2022.

Iżid illi sar arranġament ieħor bejn il-bank u l-klijent għall-pagamenti mensili ulterjuri, pero' xorta l-pagamenti baqgħu ma sarux.

Il-bank anke interpella li l-konvenut għal ħlas b'ittra uffiċjali tat-18 ta' Ġunju, 2021[8]. Għalxejn.

Ikkonfermat illi l-aħħar ripagament li sar mill-konvenut kien datat 5 ta' Frar, 2022. Qatt ma sar pagament ieħor wara.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ħalliet il-kawża għallum 4 ta' Ġunju 2025 biex tisma' s-sottomissjonijiet tal-partijiet, u għall-eventwali sentenza in difetto ostakolo.

Rat li l-konvenut naqas li jidher anke għas-seduta tallum.

---

[8] Dok.C folio 20

Konsegwentement wara li rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet dak li kellu xi jgħid il-bank attur, taqta' u tiddeċiedi billi:

**(i) Tiddikjara illi l-konvenut Paul Galea huwa debitur tal-Bank attur fis-somma ta' tlieta u ħamsin elf, mija u sebgħa u tmenin Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€53,187.77) rappreżentanti kapital, u ħamsa u għoxrin elf, disa' mija u erbgħa u sittin Ewro u sittin ċenteżmu (€25,964.60) rappreżentanti imgħaxijiet ikkalkulati sas-17 ta' Ottubru 2024 kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri fuq il-kapital mit-18 ta' Ottubru 2024 sad-data tal-pagament effettiv;**

**(ii) Tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-Bank attur is-somma ta' tlieta u ħamsin elf, mija u sebgħa u tmenin Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€53,187.77) rappreżentanti kapital, u ħamsa u għoxrin elf, disa' mija u erbgħa u sittin Ewro u sittin ċenteżmu (€25,964.60) rappreżentanti imgħaxijiet ikkalkulati sas-17 ta' Ottubru 2024 kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri fuq il-kapital mit-18 ta' Ottubru 2024 sad-data tal-pagament effettiv;**

**Bl-ispejjeż ta' din l-istanza nklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 2484/21 u tal-mandat ta' sekwestru ippreżentat fl-istess ismijiet bin-numru 1711/24.**

**Onor. Miriam Hayman**

**Imħallef**

**Rita Falzon**

**Dep.Reġ.**